**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Ħamsa u Għoxrin (25) – Laqgħa b'urġenza**

**13 ta' Jannar 2021**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Christian Zammit - Sindku
Aaron Agius – Viċi Sindku
Victor John Curmi – Kunsillier
Stefan Bajada – Kunsillier
Anthony Attard – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI:**

*n/a*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Dr. Christian Zammit ippresieda l-laqgħa.

**25.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

25.1.1 Ma ġewx ippreżentati ittri ta' apoloġiji mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**25.2 Il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-proġett *Slow Streets* imniedi mill-AKL**

25.2.1 Is-Sindku Dr. Christian Zammit informa lill-Kunsill li huwa sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex tiġi diskussa l-parteċipazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra fil-proġett *Slow Streets* imniedi mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

25.2.2 Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Għawdex li saret nhar il-Ġimgħa 8 ta' Jannar 2021, ġie deċiż li r-Reġjun ser jassisti finanzjarjament lill-Kunsilli Lokali interessati li jipparteċipaw f'dan il-proġett. Ir-Reġjun Għawdex ser ikun qed jiffinanzja parti sostanzjali mis-somma dovuta għall-ikkummissjonar ta' dan l-istudju tekniku dwar żoni li jistgħu jiġu *car free* fil-lokalitajiet interessati.

25.2.3 In viżta ta' din l-assistenza finanzjarja li ser ningħataw, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nirrevedu d-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 6 ta' Jannar u ninfurmaw lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bl-interess tagħna li nipparteċipaw f'dan il-proġett.

25.2.4 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-5.45pm.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| **Dr. Christian Zammit** | **Ivan Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |